**Minuti tal-Għoxrin (20) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.** — Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

***Skużati***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tat-Dsatax (19) -il Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tat-Dsatax (19)-il Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. — Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 19

Il-Kunsillier Raymond Tabone ġibed l-attenzjoni li f'din il-laqgħa ħareġ bosta drabi sabiex jgħin skrivan biex ifittex xi dokmenti.

Il-Kunsillier Mario Camilleri irrimarka li ħa gost li l-minuti waslu ġimgħa qabel.

Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa, il-Minuti tat-Dsatax (19)-il Laqgħa ġew approvati u ffirmati.

**Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-kontinwazzjoni tat-Dsatax (19) -il Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tal-kontinwazzjoni tat-Dsatax (19)-il Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. — Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 19 (kontinwazzjoni)

Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa, tal-kontinwazzjoni tat-Dsatax (19)-il Laqgħa dawn ġew approvati u ffirmati.

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 19)**

2.01 Il-Kunsilllier Mario Camilleri staqsa dwar progress tal-gradi ta' ħdejn is-Simar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li ressqet talba lis-Sur Borda tal-*public works* u qal li għalissa m'għandux ċans jaħdem fuqhom għax qed jaħdem fuq proġett ieħor. — Simar

2.02 Ġie deċiż li ninfurmaw lill-Ispettur li t-trailors il-Pwales għadhom hemm u li ż-żona pedonali fi tmiem il-ġimgħa mhijiex qed tkun ikkontrollata mill-pulizija. Għandha niġbdulhom l-attenzjoni li huma responsabbli sabiex iżommu l-ordni. Pwales

2.03 Tressqet Memo Nru 46/2009. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill irid jiddeciedi fuq in-numru ta' impjegati li jidħlu s-Sibt għal erba' siegħat jew bi ħlas ta' overtime jew *time-off-in lieu* skond kif jitlob l-impjegat sabiex iwettqu xogħol ta' *front office* għal ħlasijiet ta' multi, ilmenti, jinħarġu permessi u ġbir ta' formoli. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati infurmaw lill-Kunsill li ma jaċċettawx li jidħlu s-Sibt. Id-dipartiment ġibed l-attenzjoni li m'għandix issir pressjoni jekk jirrifjutaw li jaħdmu s-Sibt b'rispett sħiħ lejn il-ftehim kollettiv. Risposta lid-Dipartiment għandha tasal sal-Gimgħa 25 ta' Settembru 2009. Ħinijiet tal-Uffiċċju

Il-Kunsillier Mario Camilleri ppropona li għandha ssir kontestazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali abbażi li l-Kunsilliera ma jistgħux jiġu wara l-ħin tax-xogħol jew is-Sibt, filwaqt li d-Dipartiment għandu jikkonsulta l-liġi qabel ma joħroġ ħmerijiet bħal dawn. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li s-Segretarju Eżekuttiv u hi offrew li l-Kunsill jinfetaħ wara l-ħinijiet tal-uffiċċju f'xi jum bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li abbażi tas-sigurta fl-uffiċċju se jastjeni mid-deċiżjoni.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li la qed jitkellem fuq sigurta ma jarax għaliex fost il-ġimgħa m'għandux ikun hemm sigurta wkoll. Il-Kunsill qiegħed biex jaqdi lin-nies u mhux lill-impjegati.

Ġie deċiż li n-numru ta' impjegati għandu jkun tnejn. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha terġa' tkellem lill-iskrivani.

Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra u daħal wara ftit.

2.04 Sallum din il-liġi mhix waħda kkontemplata bil-liġi. Il-Kunsill approva li mmexxu għal xiri mill-e-bay meta meħtieġ sakemm hu legali. Ebay

2.05 Il-kuntrattur jinsab bix-*shutdown*. Dawl fil-Bandli Burmarrad

2.06 Għandu jsir follow-up Screen Cherry Tree

2.07 Is-Sur Mario Sultana qal li s-Sur Godfrey kien inkarigat. Il-Kunsill ghadu qed jistenna risposta mingħand dan ta' l-aħħar. Bandli

2.08 Risposta għadha ma waslitx Tnaqqis mill-allokazzjoni finanzjarja

2.09 Wara li ra l-permess tal-MEPA, il-Perit tal-Kunsill talab lill-Kunsill jara għan-nuqqasijiet fosthom *Final Compliance Certificate* tal-MEPA u l-*istandards* tal-KNPD, kif ukoll sinjali u dawl adekwat. Il-Kunsill talab lill-perit sabiex jara li dawn jinġiebu/ isiru. Parkeġġ: Blue Waters

2.10 Il-Kunsillier Frank Gauci nforma lill-Kunsill li ma jistax jaħdem fuq l-Iskema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 minħabba impenji oħra tal-Kunsill. Il-Kunsilliera ġew mitluba jressqu l-proposti tagħhom sal-01 ta' Settembru 2009. Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010

2.11 Filwaqt li rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-għajnuna li tatu sabiex issir pressjoni sabiex tissolva l-problema taż-żona tal-għawn fis-Simenta, il-Kunsillier Raymond Tabone informa lill-Kunsill li bagħat e-mail lill-Ministru Austin. Żona ta l-għawm fis-Simenta

2.12 Fakkar lill-Kunsill li skond stimi tal-perit tal-Kunsill il-Latrina ta' Triq San Ġiraldu kienet stmata li tiswa €116 410.44 hu kien staqsa f'dal-Kunsill jekk hix ġejja tiswa €139 762.40 u qalulu li qed joħlom. Hu stqarr li dan hu nuqqas ta' *management* serju min-naħa tal-Kunsill. Żied jgħid li mingħalih kellha tiġi nkluża sistema ta' enerġija solari u staqsa jekk kienitx inkluża fl-istima. Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol
Il-Kunsillier Martin Zerafa ġibed l-attenzjoni li l-Kunsillier Alfred Grima kien membru tal-Kunsill

meta ġie approvat dan il-proġett. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li kien għalhekk kien qed jiġbed l-attenzjoni.

2.13 L-ilmenti tal-2007 qed jidhru fuq is-sistema. Il-MITA qed taħdem sabiex dawk ta' qabel jidhru wkoll. — Customer Care

2.14 Il-Kunsillier Martin Zerafa qal li l-*SPB Bars & Restaurants Association* dejjem kienu nfurmati dwar il-laqgħat u talab lill-amministrazzjoni tibgħat il-korrispondenza kollha relatata lill-Kunsillier Peter Abela. — Luljufest

2.15 Ir-rapport lill-għassa tal-pulizija sar u t-talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tinfetaħ inkjesta sar ukoll. — Laptop

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref:55/4429/09/I:** Il-Kunsill approva li jixtri karta tal-*Photocopy* għall-prezz ta' €2.21 minghajr VAT , li huma orħos minn dawk li xtara dan l-aħħar. — Karti għall-Photocopy

3.02 **Ref:55/4438/09/I:** **Ġ**ew ippreżentati r-rakkomandazjonijiet għall-iżvilupp ta' Marinas f'Malta li jinsabu fuq il-website www.mma.gov.mt — Żvilupp ta' Marinas f'Malta

3.03 **Ref:55/4457/09/I:** Il-Kumitat Festa Marija Sultana tal-Martri reġa' ippreżenta l-kont tat-Trofej tal-injam komplut b'sitt ibnadar u bandalori għall-prezz ta' €2 336.40. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li dan għandu jkun propjeta' tal-Kunsill. Permezz tiegħu jkun qed iżid il-kultura fil-Lokal. Ġie deċiż li għandu jittieħed parir legali qabel ma jsir il-ħlas. — Kont tat-trofej tal-injam

3.04 **Ref:55/4306/09/I:** Rapport ta' l-ispezzjonijiet ta' toroq tal-lokal bejn April '09 u Lulju '09. — Spezzjonijiet ta' toroq

3.05 **Ref:55/4406/09/I:** Is-Sur Frans Scerri rringrazzja lill-Kunsill talli għoġbu jinnominah għal dan il-ġieħ. — Gieh San Pawl

3.06 **Ref:55/4448/09/I:** Proposti tal-Green MT fir-rigward ta' Skart tal-ippakkeġġjar (skart separat) u anke skart ta' affarijiet elettriċi u elettroniċi. Dan id-dokument se jingħadda lill-Kunsilliera sabiex iressqu l-proposti tagħhom. — Green MT

3.07 **Ref: 55/4489/09/I:** Patri Arthur Joseph Saliba OFMConv ressaq lista ta' suġġerimenti ta' toroq ġodda f'SanPawl il-Baħar fosthom: — Suġġerimenti ta' ismijiet ta' toroq ġodda

| | |
|---|---|
| Emmanuel Galizia | **Perit u Arkitett (1830-1906)**<br>Għamel il-pjanta tal-Knisja Parrokkjali. |
| Vincenzo Ciappara | **Mużiċista u Surmast (1890-1979)**<br>Ikkompona l-mużika tal-Innu tal-festa tad-Duluri u marċi oħra. |
| Dun Frans Camilleri | **Poeta ( 1919-1990)**<br>Kiteb il-versi tal-innu li jitkanta fil-festa tad-Duluri. |
| Gużeppi Calì | **Pittur ( 1846-1930)**<br>Pitter seba' kwadri (it-titular u oħrajn) li jinsabu fil-Knisja Parrokkjali. |
| Gużeppi Briffa | **Pittur ( 1901 – 1987)**<br>Għandu xi kwadri tal-Pittura fil-Knisja Parrokkjali. |
| Karlu Duranti | **Skultur u Marmista**<br>Ħadem l-artal maġġur tal-irħam li jinsab fil-Knisja Parrokkjali tagħna. |
| Gużeppi Duca | **Pittur (1871-1948)**<br>Miet fl-24 ta Ottubru 1948 f'San Pawl il-Baħar fejn kien qatta' l-aħħar |

snin ta' ħajtu.

| | |
|---|---|
| Lażżru Pisani | **Pittur (1854-1932)**<br>Pittur li għamel isem f'Malta u li miet f'San Pawl il-Baħar fil-31 ta' Awwissu 1932. |
| Ġanni Vella | **Pittur (1885-1977)**<br>Miet f'Bugibba. Għandu tliet kwadri fil-Knisja ta' Bugibba, il-Qalb ta' Gesu', il-Qalb ta' Marija u San Gużepp. |
| Dun Karm Psaila | **Poeta Nazzjonali (1871-1961)**<br>Kiteb il-Poeżija "Otio Aestiva" dwar San Pawl il-Baħar, fid-dar li kellu fi Triq San Pawl il-Baħar. |
| Patri Anton Hyzler | **L-ewwel Kappillan (1836-1912)** |
| Louis Cutajar | **Edukatur (1910-1975)**<br>Għal ħafna snin surmastfl-iskola Primarja tal-Gvern u ddedika ħajtu għat-tagħlim f'San Pawl il-Baħar. |
| Louis Zammit | **Tabib u Storiku (1933-1996)**<br>Ta kontribut bħala tabib tal-familja, kittieb u storiku. |
| L-Imħasel | **Il-Klawsura** tal-Imħasel. L-art fejn illum insibu Triq Parades, Triq San Ġorġ u l-Bypass. |
| Salvu u Gismond Dimech | **Salvatore Dimech u Gismond Dimech.** L-iskulturi tal-istatwa ta' San Pawl tal-Gżejjer u li nħadmet fis-sena 1845. |
| 9 ta' April | **San Pawl il-Baħar sar Parroċċa fid-9 ta' April 1905** |
| Sir David Campbell | **Gvernatur ta' Malta.** Għalih imsemmija l-Fortizza ta' Selmun li tħares fuq San Pawl il-Baħar. |
| Dithalasson | Il-Famuż **"Topon Dithalasson"** li Saydon qaleb tajjeb mill-grieg għall-Malti, "Sikka bejn żewġ ibħra". Dawn l-iskolji huma msejħin **"Thalassaneyn"** jew **"tal-Għażżenin"** kif nafuhom illum. |
| Emmanuel Arias | **Kardinal (1629-1717)** u Arċisqof ta' Seville. Il-Batterija tax-Xemxija f'San Pawl il-Baħar inbniet fis-sena 1717 u ġiet iddedikata għalih. Kien Kavallier tal-Ordni ta' Malta u ta' ħafna servizz. |

Il-Kunsill innota.

3.08 **Ref:55/4490/09/I:** Il-Kunsill approva li jipparteċipa bi sħab mad-Direttorat Għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fil-korsijiet fil-Litteriżmu Bażiku, Malti, Ingliż, Somom u Xjenza organiżżati. — Korsijiet fil-Litterizmu Baziku

3.09 **Ref:55/4493/09/I:** Għandha ssir laqgħa mal-Kappillan tal-Qawra sabiex jiddiskuti l-proposta tiegħu dwar sistema ta' *sound* fl-attivitajiet abbinati mal-festa ta' San Franġisk. — Sound System

3.10 **Ref:55/4559/09/I:** Il-formola ta' nominazzjoni għandha titressaq lill-uffiċċjal taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. — Premju anzjan tas-sena 2009

3.11 **Ref:55/4575/09/I:** L-uffiċċjal taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum irringrazzjat lill-Kunsill talli jgħin kontinwament fl-attivitajiet organiżżati lill-anzjani. Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li mhux qed issir referenza lill-Kunsill f'diversi pubblikazzjonijiet meta l-Kunsill jgħin b'xi mod jew ieħor u hemm bżonn li il-Kunsill japprova l-kitba qabel isir ipprintjar. Il-Kunsill qabel. — Attivita' għall-Anzjani

| | | |
|---|---|---|
| 3.12 | **Ref:55/4639/09/I:** Il-materjal ta' bdil ta' lampi se jibda jiġi rritornat lill-Kunsill darba fix-xahar fuq eżerċizzju ta' tlett xhur fejn wara għandha ssir evalwazzjoni tal-eżerċizzju. | Ritorn ta' materjal ta' bdil ta' bozzoz |
| 3.13 | **Ref:55/4740/09/I:** Il-Kunsill approva li l-Awtorita Maltija tat-Turiżmu torganizza kunċert f'Misraħ il-Bajja fil-Jum Dinji tat-Turiżmu. | Jum Dinji ta' Turiżmu |
| 3.14 | **Ref:55/ 4845/09/I:** Idejat u proposti għandhom jitressqu lill-Viċi-Sindku John Bray inkarigat minn din l-inizjattiva. | Inizjattiva' Premju Lokalijiet Indaf |
| 3.15 | **Ref:55/5052/09/I:** Ir-risposta tad-Direttur tal-Gvern Lokali hija li l-partiti politiċi jistgħu jillinkjaw il-website tal-Kunsill ma' tagħhom, iżda mhux viċe-versa. | Linkjar ta' Websites |
| 3.16 | **Ref:55/1247/09/I:** Ir-resident li kien ippropona li jsemmi triq li tinsab hekk kif iddur Triq it-Tamar ressaq proposta oħra sabiex tissemma Triq Ġdida fi Triq San Timotju minflok Triq l-Ispiżjar Joseph Sciberras. Il-Kunsill innota. | Isem ta' Triq |
| 3.17 | **Ref:55/4984/09/I:** Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali organiżża laqgħa dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport. Il-Kunsilliera talbu li dan jintbagħtilhom b'email. Sadanittant se ssir laqgħa fl-uffiċċju tal-kumitat konġunt bejn is-segretarji tal-kunsilli tat-Tramuntana sabiex jevalwaw x'vantaġġi jkun hemm jekk tinħareġ sejħa kollettiva. | Kuntratt ta' ġbir ta' Skart |
| 3.18 | **Ref:55/4087/09/I:** Il-Kumitat tal-Banda rringrazzja lill-Kunsill talli għoġbu jagħmel reklam fil-ktieb li jippublika fl-okkażżjoni tal-festa titulari ta' Marija Addolorata u hemeż il-kont ta' l-istess reklam li jammonta għal €120 kif ukoll il-kont tas-servizz tal-banda li jammonta għal €1 000 (hekk kif miftiehem fl-ittra tat-3 ta' Frar 2009) li nżammet nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2009 waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa Titulari fil-lokal. | Ringrazzjament / Kont |
| 3.19 | **Ref:55/5102/09/I:** It-TCTC informa lill-Kunsill li n-numru ta' studenti kopert fil-kuntratt ffirmat għal korsijiet tas-Sajf ma ġiex milħuq u għaldaqstant se jerġa' joffri kors ieħor bla ħlas għax-xitwa. Il-Kunsill approva li jħallas il-pustaġġ tal-flyer. | Kors tal-Kompjuter |
| 3.20 | **Ref:55/4812/09/I:** Il-laqgħa għall-kunsilliera ta' Malta u Għawdex se ssir fil-Lukanda Dolmen, Buġibba nhar is-Sibt 5 ta' Settembru 2009. Il-Kunsillier Raymond Tabone kkonferma li ser jattendi. Kunsilliera oħra li jixtieqū jattendu, għandhom jinfurmaw lill-Kunsill sad-data speċifikata. | Laqgħa għall-Kunsilliera |
| **4.00** | **Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol** | |
| (a) | L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Lulju 2009 ammontat għal €262, 750.59 | Rendikont ta' Dħul ta' Fondi |
| (b) | L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2009 ammontat għal €27, 605.02 b' żieda tal-kont ta' l-istess reklam tal-Każin tal-Banda li jammonta għal €120 kif ukoll il-kont tas-servizz tal-banda li jammonta għal €1 000, liema kontijiet ġew msemmija f'*item* 3.15. | Rendikont ta' Ħruġ ta' Fondi |
| | Inġibdet l-attenzjoni li l-kont ta' €200 għandu jkun parti mill-ispiża allokata għal din l-attivita. | Lejla Pawlina |
| | Item 342: Il-Kunsill kellu jħallas l-ammont mingħajr in-*no claim bonus* peress li xi sewwieq daħal fil-karozza tal-Kunsill fi tmiem il-ġimgħa u għamel xi ħsara. Din id-differenza għandi tiġi rifuża meta l-insurances jissetiljaw il-każ. | Assigurazzjoni tal-karozza |
| | Saret referenza għall-kont tal-ELC. Il-Kunsillier Mario Camilleri inkarigat mis-*soft areas* qal li fir-rapport ippreżentat hemm indikat li sar iż-żbir tal-palm tal-promenade u ġibed l-attenzjoni li dak tal-promenade għadu ma nżabarx kollu. Is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmata li kellhom il-*high up* bil-ħsara meta avviċinathom u li dan ix-xogħol għandu jsir fiż-żmien li ġej. | ELC |
| (c) | Il-Kunsill approva l-Lista ta' Ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Lulju / Awwissu ammontat għal €2 656.80 | Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol |

5.00 **Estimi Finanzarji April 2009 – Ġunju 2009**

Is-Sindku pproponiet li tissospendi l-laqgħa sabiex l-accountant tagħti spjega. Il-Kunsill qabel.

Meta tkompliet il-laqgħa s-Sindku pproponiet li l-accountant tippreżenta sommarju, u li l-ispiża tal-Kunsill għall-proġett Thalassalejn indikati f'Nota Nru 4 tinbidel għal €116 000. Dan l-ammont hu l-istess ammont f'laqgħa preċedenti.

L-estimi finanzjarji ġew approvati hekk kif emendati.

6.00 **Risposta tal-*Management Letter***

Is-Sindku pproponiet li tissospendi l-laqgħa sabiex l-accountant tagħti spjega. Il-Kunsill qabel.

Meta tkompliet il-laqgħa, ġie deċiż li jingħata taħriġ lill-iskrivan/a sabiex jinbdew joħorġu il-kontijiet mis-SAGE. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isir networking ta' dan il-programm li jagħti l-fakulta lill-iskrivan/a jaċċessaw dan il-programm. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsill talab li tinġabar stima għall-programm sabiex ikun hemm sistema ta' rekord ta' dħul tal-Kunsill li preżentement qed jiġi ppreżentat lill-Kunsill manwalment u li għadha terġa' titressaq għad-diskussjoni tal-Kunsill.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra

* Il-Kunsillier Martin Zerafa skuża ruħhu u rtira mill-kamra.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra

Il-Kunsillier Alfred Grima rrefera għall-investiment tal-Kunsill. Staqsa jekk il-flus jiġux marbuta biex jagħtu imgħax aħjar. Is-Sindku qalet li qegħdin f'savings. Hu ppropona li niċċekkjaw investiment fil-Valletta Fund Management li jista' jagħti dħul aħjar u l-flus ikunu disponibbli f'ħamest ijiem.

Ir-risposta tal-management letter ġiet approvata hekk kif ippreżentata.

7.00 **Kwotazzjoni għas-Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika ta' Triq San Ġeraldu.**

Intefgħu erba' kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | |
|---|---|
| Anthony Frendo | €4 647.10 |
| J Cameron | €6 174.32 |
| Joseph Scicluna | €3 300.00 |
| St Paul's Band Club | €4 000.00 |

Il-Kunsillier Ray Bartolo staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk hux bil-fors tintgħażel l-orħos offerta. Hi wieġbet li m'hemmx stipulat li trid tintgħażel l-orħos waħda għalkemm s'issa l-Kunsill dejjem mar għall-orħos prezz fi kwotazzjonijiet mitfuha.

Filwaqt li ġie nnutat li ma kienx magħruf min hu l-orħos wieħed, il-Kunsillier Mario Camilleri ppropona li tittieħed mill-Każin tal-Banda abbażi li hu NGO mil-lokalita u għandu ħafna membri li jistgħu jgħinu fix-xogħol rikjest.

Is-Sindku ddikjarat kunflitt ta' interess peress li hija l-awditur tal-kumitat tal-istess każin.

Il-Viċi-Sindku ssekonda dil-proposta.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li abbażi li m'hemmx *track record* ta' l-orħos tnejn imur għall-orħos. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Alex Bezzina.

Ittieħed vot dwar jekk għandiex tittieħed deċiżjoni dwar l-orħos tnejn li ġie hekk:

Favur li tingħata lill-Każin tal-Banda

Sindku Graziella Galea, Viċi-Sindku John Bray, Kunsilliera Peter Abela, Mario Camilleri

Kontra: Kunsilliera Jason Camilleri, Alfred Grima u Ray Tabone

Astensjoni: Kunsilliera Ray Bartolo u Alex Bezzina

Favur li tingħata lill-orħos offerent: Kunsilliera Alex Bezzina, Jason Camilleri, Alfred Grima, Raymond Tabone

Kontra: Kunsillier Mario Camilleri

Astensjoni: Sindku Graziella Galea, Viċi-Sindku John Bray, Kunsilliera Peter Abela, u Ray Bartolo

Tressqet proposta sabiex issir għażla fost iż-żewġ offerenti

Ittieħet vot favur il-kwotazzjoni tal-Każin Banda San Pawl: Sindku Graziella Galea, Viċi-Sindku John Bray, Kunsilliera Peter Abela, Mario Camilleri

Kontra: Kunsilliera Alex Bezzina, Alfred Grima, Raymond Tabone

Astensjoni: Kunsilliera Jason Camilleri u Ray Bartolo

Ittieħet vot favur il-kwotazzjoni tal-orħos offerent: Kunsilliera Alex Bezzina, Alfred Grima, Raymond Tabone

Kontra: Sindku Graziella Galea, Viċi-Sindku John Bray, Kunsilliera Peter Abela, Mario Camilleri

Astensjoni: Kunsilliera Jason Camilleri u Ray Bartolo

Il-proposta li l-kwotazzjoni tingħata lill-Każin tal-Banda għaddiet.

## 8.00 Kwotazzjoni tal-*Punch Clock*

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fl-aġenda li jmiss. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li l-laqgħa tiġi sospiża għal għaxar minuti. Il-Kunsill qabel.

## 9.00 Għażla ta' Offerti

### a) SPBLC 04/2009: Servizz ta' *Contract Manager*

Intefgħu erba' offerti hekk kif ġej:

Design and Technical Resources Limited - 3.5% (VAT Inkluż) u offra 3% (VAT Inkluż) għall-proġetti li jaqbżu l-€580,000

Perit Samuel Formosa – 3.4%

Perit Anthony Bezzina – 2.2% għal Superviżjoni

EMPD Limited – 3.5%

Ir-rakkomandazzjoni tas-sotto-kumitat tal-evalwazzjoni tal-offerti skwalifika l-offerta ta' Anthony Bezzina abbażi li speċifika superviżjoni biss. Il-Kunsillier Raymond Tabone, membru ta' l-istess sotto-kumitat filwaqt li nnota li f'kull sottomissjoni hemm esperjenza ma' kunsilli lokali, hu tal-fehma li l-offerta tingħata lill-offerent Samuel Formosa għax l-orħos. Il-membri l-oħra tas-sotto-kumitat ġibdu l-attenzjoni li jekk ikun hemm bidla fil-perit ikun hemm xi ħlasijiet x'jitħallsu mill-Kunsill għall-proġetti diġa sottomessi lill-MEPA. Is-sotto-kumitat innota wkoll li fil-passat il-perit eżistenti, Design & Technical Resources, dejjem ta servizz tajjeb.Għal proġetti li jeċċedu €580 000 dan offra rata ta' 3%, proposta li EMPD li wkoll offrew rata ta' 3.5% ma ppreżentawx. Abbażi ta' dawn il-kriterji il-membri tas-sotto-kumitat, bl-eċċezzjoni tal-Kunsillier Raymond Tabone irrakkomandaw lid-Design & Technical Resources Ltd.

Is-Sindku pproponiet li fuq rakkomandazzjoni tas-sotto-kumitat jintgħażel id-Design & Technical Resources Ltd.

Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot li ġie hekk:

Favur: Sindku Graziella Galea, Viċi-Sindku John Bray, Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo u Mario Camilleri

Kontra: Kunsilliera Alex Bezzina, Jason Camilleri, Alfred Grima, Raymond Tabone

Il-proposta li tintagħżel l-offerta tad- Design & Technical Resources Ltd għaddiet.

**b) SPBLC 05/2009: Kiri ta' Garaxx għall-Użu tal-Kunsill, f'San Pawl il-Baħar**

Intefgħet offerta waħda, dik ta' Emmanuel Bonnici għall-prezz ta' €11.00 kuljum fuq garaxx wieħed. Dan il-garaxx huwa dak li preżentement il-ħaddiema tat-taqsima tax-xogħolijiet jagħmlu użu minnu. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni unanima tas-sotto-kumitat tal-offerti li jaċċetta din l-offerta. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar spazju joħroġ sejħa għal garaxx ieħor. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Peter Abela.

Il-proposta għaddiet Nem Con.

**c) SPBLC 06/2009: Żamma u Manutenzjoni ta' Pjazza Burmarrad**

Intefgħu żewġ offerti hekk kif ġej:

Ivan Cutajar - €9 995

Joseph Calleja - €7 992 – fejn ressaq proposta li jirranġa bi spiża tiegħu xogħol fil-funtana biex tidnaddaf aktar faċli billi jagħmel katusa u b'hekk titbattal aħjar u aktar spiss, kif ukoll ser iħawwel ward staġjonali mkabbar fil-mixtla tiegħu u jkompli jbixx il-palm a spiża tiegħu.

Ir-rakkomandazzjoni unanima tas-sotto-kumitat tal-offerti kienet li jintgħażel is-Sur Joseph Callejja li hu l-kuntrattur eżistenti ta' l-istess ġnien u li abbażi li offra prezz orħos minn dak ta' qabel, hu l-orħos fost it-tnejn mitfuha u dejjem ta servizz sodisfaċenti lill-Kunsill.

Is-Sindku pproponiet li jintgħażel il-kuntrattur Joseph Callejja abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Ray Bartolo. Il-proposta għaddiet Nem Con.

**d) SPBLC 07/2009 : Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff b' Emerġenza**

Intefgħet offerta waħda li hi tas-Sur Adam Bugeja għall-prezz ta' €9.00 kull sejħa.

L-offerta mitfuħa eċċediet il-valur ta' persentaġġ mitlub mill-Kunsill. Is-sotto-kumitat tal-offerti unanimament irrakkomanda li nistaqsu lill-offerent, li hu l-uniku wieħed, sabiex il-Kunsill jinnegozja u jistaqsieh jekk iridx jaċċetta il-persentaġġ offrut fl-offerta. Jekk ma jaċċettax

tinħareġ sejħa ġdida.

Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tas-sotto-kumitat. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Mario Camilleri. Il-proposta għaddiet Nem Con.

**e) SPBLC 08/2009: Provvista w Installazzjoni ta' *Off-grid PV System* ġo Triq Jean de La Cassiere**

Intefgħu tlett offerti hekk kif ġej:

Alberta – Charles Zahra – 1. €8 229.79 – 10 siegħat – tlett ijiem awtonomija
2. €8 481.37 – 13-il siegħa – Jum awtonomija
3. €9 530.62 – 13-il siegħa – tlett ijiem awtonomija

Titan Limited - €17 902.37

Sunsource Limited - €7 901.28

Is-sotto-kumitat tal-offerti evalwa r-rapport tekniku tal-Inġinier Curmi li filwaqt li skwalifika lit-Titan Limited, peress li qabeż il-kwota mitluba, irrakkomanda l-offerta ta' Alberta li għandha bozoz ta' 66 watts. Is-Sotto Kumitat innota li tas-Sunsource għandhom qawwa ekwivalenti ta' bejn 70/80 watts. Il-garanzija offruta hija ta' tlett snin f'kull offerta. Ir-rakkomandazzjoni unanima tas-sotto-kumitat hija li jintagħżel is-Sunsource Ltd.

Ġie nnutat li s-sotto-kumitat ma ddiskutiex meta se jibda x-xogħol.

Il-Kunsillier Raymond Tabone issuġġerixxa li l-Kunsill imur għal sistema ta' dawl normali. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Alfred Grima.

Ittieħed vot li ġie hekk:

Favur: Kunsilliera Alex Bezzina, Alfred Grima, Raymond Tabone

Kontra: Sindku Graziella Galea, Viċi-Sindku John Bray, Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo u Mario Camilleri

Astensjoni: Kunsillier Jason Camilleri

Il-proposta m'għaddietx.

Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jilqa' l-proposta tas-sotto-kumitat u jagħżel l-offerta tas-Sunsource Ltd. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Jason Camilleri skuża ruħu u rtira mill-kamra.

Il-Kunsillier Mario Camilleri rtira mill-kamra u daħal wara ftit minuti.

## 11.00 Aġġornamenti

**Kunsillier Raymond Tabone**

11.01 Ġibed l-attenzjoni li hemm dgħajsa f'Tal-Veċċja li qed tokkupa spazju bla bżonn u ppropona li għandha titwaħħal sticker ta' żgombru u titressaq talba sabiex jekk ma titneħħiex fiż-żmien titneħħa mid-Dipartiment tal-Cleansing. Dgħajsa f'tal-Veċċja

Is-Sindku nfurmatu li ntbagħtet korrispondenza lill-Awtorita Marittima ta' Malta kif ukoll lill-pulizija u lill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta sabiex jawtorizzaw twaħħil ta' tabelli biex ma jsirx ipparkjar ta' karrijiet fl-akkwata.

11.02 Irrefera għas-Simenta u qal li hemm abbuż u periklu fiż-żona tal-għawm u qal li lest li jitla' jixhed kontra individwi jekk iweġġa' xi ħadd.

Żona ta l-għawm Simenta

Il-gwardjani għandhom jinfurzaw peress li qed ikun hemm karozzi mhux awtorizzati li jipparkjaw.

11.03 Irrefera għas-sajjieda fejn is-Sirens u qal li jekk is-sajjieda qed jgħidu li m'hemmx fond biżżejjed ntuhom katnazz biex jaċċessaw.

Sirens

Ġibed l-attenzjoni li

11.04 qed jeħlu tabelli bla permess fil-lokalita

Tabelli bla permess

11.05 hawn imwejjed u siġġijiet bla permess fil-lokalita'

Imwejjed u Siġġijiet bla permess

l-qsari fil-pjazza baqgħu 'l fuq

11.06 għandha tintbagħat reminder dwar it-talba tiegħu lid-dipartiment għall-awtorizzazzjoni sabiex jieħu rifużjoni tal-linka tal-printer li ntużat biex jipprintja dokumenti abbinati ma' xogħol tal-Kunsill.

Reminder

11.07 Ipproppona li għandu jsir post fejn il-klieb iħammġu u s-sid jiġbor kemm quddiem il-Grape Vine kif ukoll f'soft area oħrajn. Il-Kunsill qabel.

Post għall-ħmieġ tal-klieb

**Kunsillier Alfred Grima**

11.08 Staqsa jekk hux minnu li hemm ħsieb li fejn iċ-Choclate Delight se ssir pedonali. Is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill mhux infurmat dwar dan.

Żona Pedonali

11.09 Ipproppona li jkun hemm żona tal-għawm fejn il-Qawra Palace Hotel. Il-Kunsill qabel.

Żona tal-għawm

11.10 Ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ta' qabel kien approva bini ta' ħajt tas-sejjieħ mill-klabb tal-futbol ta' Burmarrad sa qabel ma tasal sal-pont ta' Wied il-Għasel.

Ħajt tas-sejjieħ

Il-Kunsillier Ray Bartolo filwaqt li qabel ma' din il-proposta, ġibed l-attenzjoni li hemm proġett sottomess għal fondi mill-Ewropa li tinkludi bini ta' ħitan tas-sejjiegħ u jkun għaqli li wieħed jistenna r-riżultat. Jekk dawn ma jiġux approvati għandha tinġabar stima. Il-Kunsill qabel.

11.11 Staqsa jekk il-korrispondenza li tkun se tiġi diskusa fil-laqgħa li jmiss tistax tintbagħat lill-kunsilliera mal-aġenda. Ġie deċiż li niċċekkjaw mad-dipartiment.

Korrispondenza

**Kunsillier Peter Abela**

11.12 Ippreżenta kopja ta' survey ta' kwestjonarju (hawn mehmuż) li għandu jintbagħat lis-settur tan-negozju fil-lokalita u ppropona li qabel ma jintbagħat tinġieb *clearance* mill-Uffiċċju tal-Att Dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Kwestjonarju

11.13 Ipproppona li fit-28 ta' Awwissu 2009, il-Kunsill jidħol bi sħab f'attivita ta' festival tal-ħut flimkien mal-Għaqda Sajjieda Dilettanti, NGO tal-lokal u li għandhom statut, fejn minn spiża li tilħaq l-€3 000. Ressaq proosta li l-Kunsill iħallas 50% li jkopru lixka, vouchers għad-diesel għad-dgħajjes u riklamar. Il-ħut li jinqabad se jkun irkantat għall-karita. Il-Kunsill approva budget ta' €1000 li tinkludi l-ispiża tar-reklamar. Il-Kunsilliera Peter Abela u Raymond Tabone għandhom jikkordinaw l-attivita. Jekk tkun suċċess, is-sena d-dieħla tkun organizzata fuq skala akbar.

Festival tal-ħut

Ipproppona li l-Kunsill

11.14 ikompli bil-proġett ta' pavimentar fi Triq Ġulju

Pavimentar fi Triq Ġulju

11.15 jintroduċi tabelli żgħar ta' riklamar simili bħal dawk li hemm f'Birkirkara

Tabelli ta' Riklamar

11.16 jinġabru tlett kwotazzjonijiet għall-ħasil tal-promenade partikolarment madwar il-litterbins Ħasil tal-Promenade

11.17 jikkreja servizz ta' direttorju tas-settur kummerċjali u professjonali fil-lokalita nkluż l-NGOs. Dan għandu jservi bħala referenza għall-pubbliku. Avviż għandu jiġi ppubblikat fil-gazzetti lokali. Direttorju tas-settur Kummerċjali

11.18 Joħroġ default lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku peress li mhux qed jaqdi dmiru sew u qed iħammeġ it-toroq bl-għasir. Default

Ġibed l-attenzjoni li ġbir ta' l-iskart domestiku qed jibda' fis- 6.30 am minflok fis-7am f'ċertu żoni.

11.19 Jagħmel parkeġġ ristrett fil-partijiet dojoq tat-toroq tal-Wardija li jagħtu għall-qalba tar-raħal u għandha tkun tow zone għal min jikser il-liġi. Wardija: Parkeġġ Ristrett

Il-Kunsill approva dawn il-proposti.

**Kunsillier Raymond Bartolo**

11.20 Ippropona li jerġgħu jeħlu l-floodlights fil-playing fields ta' Triq Parades. Playing Field Parades

11.21 Staqsa jekk l-offerta għall-assikurazzjoni tinkludix l-assikurazzjoni sħiħa. Is-Sindku wieġbet li ħarġet sejħa għal *third party liability* u assikurazzjoni fuq għamara, bini, impjegati u kunsilliera. Offerta assikurazzjoni

11.22 Staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li l-ilmenti mingħajr informazzjoni personali jgħaddu lilu. Il-Kunsill qabel. Ilmenti

11.23 Talab follow-up tal-kwotazzjoni għad-dawl tal-funtana ta' Burmarrad. Follow-up

11.24 Ġibed l-attenzjoni li l-knis f'Burmarrad mhux qed isir sew. Il-Viċi-Sindku John Bray qal li se jiġbed l-attenzjoni lill-kuntrattur waqt laqgħa li għandu mal-kuntrattur fil-ġranet li ġejjin. Knis f'Burmarrad

**Kunsillier Mario Camilleri**

Il-pulizija u l-gwardjani lokali għandhom jiġu avżati dwar

11.25 is-sandwich bords mpoġġija matul in-naħa l-oħra tal-promenade mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll bord kbira ħdejn Ta' Fra Ben Sandwich Boards

11.26 karavannijiet li qed jiġu mħollija fejn Is-Simar u fejn Ta' Fra Ben Karavannijiet

11.27 trailers ipparkjati fit-toroq u matul il-promenade. Trailers

Il-Kunsill qabel.

11.28 Ippropona li jinżabru s-siġar ta' Triq is-Simar u Triq Ridott Żbir ta' siġar

11.29 Jitpoġġew il-bankijiet ta' ħdejn Johnny's Bar Bankijiet

Il-Kunsill approva dawn il-proposti.

11.30 Ġibed l-attenzjoni li ħdejn il-latrina tas-Sirens qed ikun hem xi tfal jagħmlu l-ħsara lill-istess latrina Latrina Sirens

11.31 Staqsa x'sar mir-ritratti tal-bankini. Is-Sindku nfurmati li dawn ġew mgħoddija lill-perit sabiex iħejji l-istimi. Bankini

11.32 Staqsa għaliex fi Triq l-Imsell saret nofs bankina u mhux kollha. Is-Sindku wieġbet li din ma saritx mill-Kunsill u għandna nistaqsu lill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta dwar dan. Triq l-Imsell

Staqsa dwar x'se jsir dwar it-talba għal culvert ħdejn tad-dvd's fi Triq il-Mosta. Is-Sindku qalet li

t-talba tressqet lill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta.

11.33 Staqsa jekk id-dawl tal-Milied kienx tħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt il-laqgħa li kienet saret mal-kuntrattur il-Kunsill kien intalab lill-kuntrattur ir-rapport. S'issa dan għadu ma Culvert
11.34 wasalx. Il-Kunsill kien infurmat dwar dan. Dawl Milied

Talab follow-up tal-laqgħa tal-bord dwar l-*istreet calmers*. Is-Sindku qalet li l-proposti li l-bord
11.35 qabel fuqhom għaddiethom lill-iskrivana sabiex tressaq talba lill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li mhux hekk suppost li jsir, imma l-bord jissuġġerixxi u l-Kunsill jiddeċiedi. Is-Sindku qalet li jista' jkun li dawk ma jiġux approvati mill-ADT u ladarba l-Kunsill jirċevi risposta tersaq Kunsill sabiex il-Kunsill japprova dwar jekk għandhomx jitpoġġew jew le. Street calmers

***Viċi-Sindku John Bray***

Ippropona li tiġi ordnata plakka tal-isem ta' Trejqet Sant'Andrija u titpoġġa n-naħa t'isfel għax m'hemmx. Il-Kunsill approva. Trejqet Sant'Andrija

11.36

**Sindku Graziella Galea**

Ippproponiet li

titressaq talba lill-Onor Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said għal ħaddiem klerikali żejjed
11.37 biex jgħin fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Haddiem Klerikali

Tintbagħat flyer dwar sensiela ta' attivitajiet taħt l-iskema sportiva flimkien mal-flyer tat-TCTC li se joffru kors ieħor peress li l-postijiet tas-Sajf ma ntlewx kollha.

11.38

Il-Kunsill approva dawn il-proposti. Skema sportiva

Infurmat lill-Kunsill li

se ssir t-tieni parti tal-intervisti għal *replacement* tal-iskrivana li qegħda fuq *parental leave* għax din ġiet rilaxxjata mid-dipartiment fejn il-Kunsill se jimpjega, fuq approvazzjoni tad-dipartiment
11.39 se jingħata żewġ skrivani ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa 'l waħda għal dan il-perjodu definit. Intervisti

l-youth exchange bdiet u rringrazzjat lill-Kunsillier Frank Gauci tal-ħidma kbira tiegħu fost dawn iż-żgħażagħ. Il-Kunsillier Alfred Grima ngħaqad magħha. Informat lill-Kunsill li hemm
11.40 diskrepanza fl-ammont ta' flus allokati u pproponiet li l-Kunsill jiffinanzja din l-ispiża. Il-Kunsill qabel. Youth Exchange

Xi individwu laqgħat il-karozza tal-Kunsill fi tmiem il-ġimgħa waqt li kienet ipparkjata. Hi ġiet imsejħa fuq il-post. Il-Kunsill kellu jħallas l-assikurazzjoni mingħajr *no claim bonus* wara li
11.41 għamel ir-rapport; dan peress li kienet se tiskadi f'dik il-ġimgħa. L-assikurazzjoni se tiftaħ kawża lil min laqgħat il-karozza għax it-tort hu mija fil-mija tiegħu. In-*no claim bonus* jingħata lura meta l-każ jiġi ssetiljat. Karozza tal-Kunsill

Għamlet referenza għar-rapport tal-istat tat-toroq u bankini u pproponiet li jitħejjew stimi ta' l-għar toroq indikati f'dan ir-rapport. Il-Kunsillier Raymond Tabone ippropona li tiżdied il-bankina
11.42 tal-Porzjunkula. Il-Kunsill approva. Stimi ta' toroq

Ipproponiet li

jsir tindif tal-culverts qabel ma jibda l-istaġun tal-maltemp

11.43

Il-Kunsill japplika għall-proġett ta' Thalasselejn taħt l-iskema tal-UIF. Tindif Culverts

11.44

Jinġabru tlett kwotazzjonijiet għall-ħasil tal-promenade bil-*powerwash*. Infuramt lill-Kunsill li l-*Cleansing Services* Department talab €150 kuljum għal dan ix-xogħol. UIF Thalasselejn

11.45

Ħasil tal-

Il-Kunsill approva dawn il-proposti. Promenade

12.00 **Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fid-9.45pm. Data u ħin tal-laqgħa li jmiss titħabbar aktar tard.

***Perit Graziella Galea** BE & A (Hons)*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

18 ta' Settembru 2009

ref: 55/6137//09/Orc